# MALTA

## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta’ nhar il-15 ta’ Marzu 2024

Avviż Numru: 240/2022NHV

**Michael Debono Limited**
(C10002)

**vs.**

**Liam Mangion**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 12881M
u

**Anna Bonello Bianco**
detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 236178M

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta’ Ottubru 2022, li permezz tiegħu is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta’ tlett’elef seba’ mija u wieħed u sebgħin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€3771.71), b’referenza għall-bejgħ tal-vettura ossia Toyota C-HR ikkonsenjata lill-konvenuti skont *Hire Purchase Agreement* datat id-9 ta’ Jannar 2018, u dana wara li tnaqqas il-valur tal-vettura li ġiet ritornata lis-soċjetà attriċi, oltre l-imgħax legali.

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi innumerata 2053/2022, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti, inġunti in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi fil-konfront taż-żewġ konvenuti u l-fatt li kemm il-konvenut Liam Mangion u wkoll il-konvenuta Anna Bonello Bianco naqsu milli jidhru sabiex jirrisponduh, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Liam Mangion u Anna Bonello Bianco iħallsu lis-soċjetà attriċi is-somma ta' tlett'elef seba' mija u wieħed u sebgħin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€3771.71), bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a kariku tal-konvenuti.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur